# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 140/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Anthony Borg**

Seduta tat-27 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promutur guramentat tal-parte civile tal-10 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi, dik il-Qorti sabet lill-istess Anthony Borg hati ta' l-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] kollha u kkundannatu ghal zmien ta' xahar prigunerija sospiza ghal sena u ordnatlu ihallas l-ammont ta' mija u erbghin Euro (€140) fi zmien xaharejn mid-data tas-sentenza. Illi sa dakinhar Anthony Borg kien naqas milli jikkonforma ruhu mad-direttiva tal-Qorti ossia li jeffettwa l-hlas relattiv u per konsegwenza, l-ammont kien ghadu dovut u ghaldaqstant talbet li ai termini tal-artikolu 28(H)(5) tal-Kap 9 tiddikjara li Anthony Borg naqas jikkonforma ruhu mad-direttiva ta' l-Qorti u konsegwentement tordna li s-sentenza sospiza tibda ssehh;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu 2015 dwar ir-rikors appena citat li permezz tieghu ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija fil-konfront tal-intimat [illum appellant]

fit-18 ta’ Gunju 2014 fejn l-intimat kien wehel xahar prigunerija sospiz ghal sena;

Rat ukoll l-imputazzjoni precedentement migjuba kontra l-appellant, Anthony Borg, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 469377M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bejn is-20 ta’ Lulju 2013 sas-16 ta’ Awwissu 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew stipulat bil-kuntratt naqas li jaghti lil Claudette Portelli u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju 2014, li permezz taghha, wara li sabet lill-appellant hati fuq amminssjoni, kkundannatu ghal-terminu ta’ prigunerija ghal zmien xahar, sospiz ghal-perjodu ta’ sena fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ordnatlu ihallas is-somma ta’ €140 fi zmien xahar ai termini tal-Art 28H tal-istess Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Anthony Borg, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab ir-riforma tad-digriet tad-9 ta’ Marzu 2015 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi taghti lill-appellant aktar zmien ghal-hlas billi ggedded iz-zmien tas-sentenza sospiza;

Semghet il-provi;

Semghet lill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha u l-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat,

1. Illi l-appellant qieghed jilmenta mid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li naqset milli testendi t-terminu li fih kellu jhallas dik ir-retta alimentari kif minnha ordnat, igifieri fi zmien xahar, wara li instab hati in rigward. Dan in-nuqqas kellu bhala konsegwenza d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija ta' zmien xahar li kienet sospiza ghal-sena fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9. L-ilment tal-appellant jippernja fuq il-gravami singolari illi huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment minhabba li huwa persuna vulnerabbli afflitt minn diversi sentenzi ta' prigunerija u problemi ta' sahha kawza ta' liema huwa difficli ghalih li jsib impjieg u li ghalhekk kien ragjonevoli illi jinghata ftit iehor zmien sabiex jottempera ruhu;

2. Mill-atti processwali jemergi illi l-ewwel Qorti, wara li kienet sabet lill-appellant hati li naqas milli jhallas il-manteniment minnu dovut, ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' xahar sospiz ghal-sena fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u kkoncedietlu xahar, anke jekk fl-appell tieghu l-appellant erronjament jindika zmien xaharejn, sabiex ihallas id-debitu tieghu fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Wara li naqas milli jaghmel dan il-hlas fiz-zmien lilu koncess, il-parte civili intavolat rikors guramentat sabiex jinghata provvediment in rigward u wara li semghet lill-partijiet l-ewwel Qorti dahhlet fis-sehh ix-xahar prigunerija precedentement sospiz kif gia spjegat. Il-Qorti tal-ewwel grad setghet taghmel dan in forza tal-artikolu 28H(5) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi **"jekk il-Qorti, wara dak is-smiegh tkun sodisfatta li l-hati jkun naqas milli jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha moghtija bis-sahha ta dan l-artikolu, hija ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda ssehh. Il-Qorti tista', izda, ghal kawza ragonevoli, tikkoncedi lill-hati zmien iehor perentorju li ma jkunx ta' iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruhu mad-direttiva";**

3. L-appellant issa jikkontendi illi l-ewwel Qorti setghet ikkoncedietlu ftit aktar zmien, igifieri oltre dak ix-xahar, sabiex ikun jista' jissalda d-debitu tieghu;

4. Quddiem din il-Qorti, il-parte civile ikkonfermat bil-gurament illi l-appellant hallas dak kollu minnu dovut mhux biss l-ammont mertu ta' dan l-appell izda ukoll dak mertu ta' kawzi ohra;

5. Mghadud mal-kwistjoni odjerna hemm dik sollevata mill-Avukat Generali fl-udjenza tad-19 ta' Settembru quddiem din il-Qorti li qed tkun hawn riprodotta:

> **Dr. Justine Cilia [ghall-Avukat Generali] in vista ta' dak li hemm fl-Artikolu 28H sub artikolu (5) tal-Kap 9 fejn il-ligi tghid li jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hati ma kkonformax ruhu mad-direttiva moghtija mill-Ewwel Qorti , hi ghandha todna s-sentenza sospiza tibda ssehh, izda l-ligi tkompli tghidlek li f'kazijiet ragjonevoli tista' tikkoncedi zmien iehor ta' mhux aktar minn xahar sabiex l-appellant ikun jista jikkonforma ruhu mad-direttiva. Kwindi hija tassattiva fuq il-Qorti li trendi dik is-sentenza sospiza ezegwibbli. Il-Qorti ma kellhiex diskrezzjoni li thalli s-sentenza sospiza. Apparti hekk, l-Artikolu 28I jghid li fil-kuntest tal-Artikolu 28H(5) tal-Kap 9 ebda appell ma jista' jsir fuq it-tul tal-perjodu operattiv tas-sntenza sospiza u ghaldaqstant l-Avukat Generali jhoss li din it-talba tal-appellant tmur kontra dak li tirrikjedi l-ligi u ghaldaqstant ma kienx hemm lok ta' appell**;

6. Ezaminati l-atti processwali, din il-Qorti qieghda *ex officcio* tissolleva kwistjoni ta' nullita' fil-procedura quddiem il-ewwel Qorti ghar- raguni kif ser isegwi;

7. L-ewwel Qorti kienet libera, anqas kien mandatorju fuqha, illi titratta mal-appellant kif fil-fatt ghamlet wara li naqas milli jottempera ruhu mad-direttiva taghha li jhallas is-somma dovuta fi zmien xahar ghalkemm kellha x-xelta li testendi dak il-perjodu ghal-zmien ta' mhux aktar minn xahar iehor (artikolu 28H(5) Kap 9). Il-procedura ghad-dhul fis-sehh tat-terminu ta' prigunerija tiskatta bl-introduzzjoni ta' rikors guramentat mill-parti li lilha kellu jsir il-hlas ex artikolu 28H(4) izda il-Qorti, ex artikolu 28H(6) **ghandha tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni ta' rikors kif hemm imsemmi fis-subartikolu (4) jekk dak ir-rikors ikun gie pprezentat wara l-gheluq ta' tliet xhur mit-tmiem taz-zmien stabbilit mill-qorti biex wiehed jikkonforma ruhu ma' dik id-direttiva**;

8. Mill-atti processwali jemergi illi l-kundanna ta' xahar prigunerija sospizi ghal-sena originat permezz ta' sentenza moghtija fit-18 ta' Gunju 2014. Permezz ta' dik is-sentenza l-appellant kien ordnat ihallas sa zmien xahar minn dak inhar igifieri sat-18 ta' Lulju 2014. Huwa naqas milli jaghmel dan u ghalhekk rikors dwar nuqqas tal-ottemperament tieghu setgha jkun introdott **biss** sat-18 ta' Ottubru 2014. Dak ir-rikors kien pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2014 u l-ewwel Qorti **kellha**, tassattivament, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu ex artikolu 28H(6). Dan id-dettal ta' importanza massima donnu sfugga lill-ewwel Qorti, lill-appellant kif ukoll lill-Avukat Generali izda din il-Qorti hija fid-dover li tissolleva din il-kwistjoni li hija ta' ordni pubbliku. Ghalhekk il-proceduri u d-digriet tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Marzu 2015 ma kellhom ebda validita' u l-karcerament tal-appellant ma kienx wiehed sorrett mil-ligi;

9. Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qeghdha tiddikjara d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghti fid-9 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Borg (Kawza numru 60) bhala null u bla effett;

10. Konsegwentement din il-Qorti sejra titratta hi r-rikors gurament tal-parte civile intavolat fit-18 ta' Novembru 2014 li bih talbet d-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza tat-18 ta' Gunju 2014. Tiddisponi minn dan ir-rikors billi fit-termini tal-artikolu 28H(6) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu stante li kien prezentat tardivament;